KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09

Data tal-laqgħa: 19 ta' Novembru, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar It-Tlieta, 19 ta' Novembru 2019 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**09/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**09/01/01** Ma kienx hemm.

**09/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**09/02/01** **Para 08/02/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bagħtet is-sejħa għal *Contracts Managers* għall-approvazzjoni tad-Dipartiment.

**09/02/02** **Para 08/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tħejji sejħa għal kiri ta' van għal Kunsill.

**09/02/03** **Para 08/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**09/02/04** **Para 08/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li Triq l-Oratorju tiġi bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat iżda rridu noqgħodu attenti minħabba l-garaxxijiet. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li nibdew mill-garaxxijiet ta' Mario tal-ħaxix 'l isfel. Kien hemm qbil unanimu.

**09/02/05** **Para 08/02/07:** Is-Sindku spjegat li residenti jistgħu jiġbru mill-Kunsill Lokali formola ta' kunsens ħalli t-tfal ikunu jistgħu mmorru jilgħabu l-*ground* tal-*football*.

**09/02/06** **Para 08/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq il-bankina ta' Triq San Bartilmew (in-naħa t'isfel) ma bediex għax twaqqaf mis-sidien.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**09/02/07** **Para 08/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki ħa jsiru mill-kuntrattur.

**09/02/08** **Para 08/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* tal-Pjazza għadha ma twaħlitx.

**09/02/09** **Para 08/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex issir *crash barrier* fejn għalqa fi Triq l-Indipendenza.

**09/02/10** **Para 08/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-ġimgħat li ġejjin ħa tiltaqa' ma' Sur Abraham Aquilina biex jaħdmu fuq il-*heritage trail*.

**09/02/11** **Para 08/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niġbru stimi biex il-gandott ta' Triq il-Ġnien jiġi kopert bil-gradilji tal-konkos peress li l-gradilji tal-ħadid huma għaljin wisq.

**09/02/12** **Para 08/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ *parking bays* ħdejn il-ħanut Happy Tree fi Triq Mons Luigi Catania saru.

**09/02/13** **Para 08/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru 3 *sleeping police* fi Triq il-Ġnien.

**09/02/14** **Para 08/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*water culvert* fi Sqaq il-Warda ħa jsir dalwaqt.

**09/02/15** **Para 08/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kuntrattur ħa jirranġa l-kaxxa safra fi Triq San Ġwann għax ma hemmx 1m fuq kull naħa u l-bqija tiġi kaxxa tal-mutur.

**09/02/16** **Para 08/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bus stop* fi Triq San Ġwann faċċata ta' Joe's Garage suppost dalwaqt jitpoġġa. Is-Sindku ssuġġerit li jsiru *parking bays* fil-bidu ta' Triq San Ġwann in-naħa tal-kumpless Juniper Mews. Kien hemm qbil unanimu.

**09/02/17** **Para 08/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna l-AED u l-kaxxa tagħha.

**09/02/18** **Para 08/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-*Works Order Quotation* mingħand id-District Office biex isiru *bollards* f'toroq prinċipali.

**09/02/19** . **Para 08/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li erġajna ktibna lil Transport Malta sabiex Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel tiġi *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel.

**09/02/20** **Para 08/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-informazzjoni mingħand 'The Grow 10 Trees Project' għat-tabelli li ħa jitpoġġew qrib is-siġar li ħawwlu fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**09/02/21** **Para 08/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**09/02/22** **Para 08/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


09/02/23 **Para 08/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Infrastructure Malta biex il-*bus shelter* tal-pjazza jitpoġġa fi Triq ix-Xwieki iżda dawn ma laqgħux it-talba tagħna. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li dan il-*bus shelter* jitpoġġa flok il-*bus shelter* ta' Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament.

09/02/24 **Para 08/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa mal-Planning Authority sabiex nipprovaw inġibu fondi biex jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi u sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*.

09/02/25 **Para 08/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna tabella tal-isem ta' Triq San Bartilmew.

09/02/26 **Para 08/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex issir bozza ġdida fi Triq iċ-Ċawl jeħtieġ li nstallaw żewġ arbli. Il-Kunsill qabel unanimament.

09/02/27 **Para 08/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella ta' Motor Cycle taħt il-bankina fi Triq l-Oratorju saret.

09/02/28 **Para 08/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isir *Bus Stop* qrib 'The Village Store' fi Triq Caravaggio.

09/02/29 **Para 08/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna mera għal Sqaq ix-Xgħajrat.

09/02/30 **Para 08/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isir *line* fin-nofs ta' Triq Mons Luigi Catania k/m Triq San Ġwann.

09/02/31 **Para 08/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill għadha ma saretx peress li għandna problema għax ir-*reception desk* mhix dritta. Is-Sur Christopher Fenech qal li hemm bżonn inġibu *designer* u nagħtu dehra ġdida l-uffiċċju amministrattiv. Il-Kunsill qabel unanimament.

09/02/32 **Para 08/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

09/02/33 **Para 08/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Mario Abela rranġa l-ħsara fid-dawl ta' Ġnien il-Paċi.

09/02/34 **Para 08/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu nġibu stimi biex isir bank tal-ħadid fil-Ġnien ta' Żagħruna.

09/02/35 **Para 08/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jerġaw jeħlu ż-żewġ *billboards*.

09/02/36 **Para 08/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-McDonald's.

09/02/37 **Para 08/02/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-*dog bin* għal taħt it-tabella tal-ismijiet tat-toroq fil-pjazza tad-Dejma, id-*dog bin* għal Vjal ir-Repubblika u d-*dog bin* għal Triq iċ-Ċawl k/m Triq il-kbira ġew ordnati.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**09/02/38** **Para 08/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat iż-żebgħa sabiex il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jagħmlu *refreshing* ta' *zebra crossings*. Barra minn hekk, saqsiet lil AQS Med Ltd. jekk jistawx jirranġaw id-dawl ta' *zebra crossing* ta' Triq San Ġwann.

**09/02/39** **Para 08/03/02:** Is-Sindku proponiet li nġibu l-kavallerija tal-pulizija u l-*scouts* tan-Naxxar għat-Tberik tal-Annimali. Kien hemm qbil unanimu.

**09/02/40** **Para 08/05/02:** Il-Kunsill approva stima biex il-ħaddiema mid-Dipartiment tax-xogħlijiet jirranġaw il-parti li waqgħet mill-ħajt ta' Triq l-Isqof Gargallo.

**09/02/41** **Para 08/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sistema tal-*video-on-demand* ser tiġi nstallata dalwaqt.

**09/02/42** **Para 08/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiema tax-xogħlijiet ser jirranġaw il-*culvert* ta' Triq Mons. Luigi Catania ħdejn Sqaq Numru 1.

**09/02/43** **Para 08/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq il-Kbira (fil-biċċa t'isfel) saru.

**09/02/44** **Para 08/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li ssir *Keep Clear* ħdejn il-kumpless 'The Calling' fi Triq Caravaggio.

**09/02/45** **Para 08/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-parkeġġ u *yellow line* ta' quddiem il-garaxx numru 66 fi Vjal ir-Repubblika qiegħed kif suppost.

**09/02/46** **Para 08/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li jitlestew ix-xogħlijiet kollha ser teħel bozza fi Triq il-Kbira k/m Triq il-Qiegħed.

**09/02/47** **Para 08/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat l-*information panel* tax-xelter għax spiċċat.

**09/02/48** **Para 08/05/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' quddiem 'The Village' fi Vjal it-Repubblika ħa ssir mill-kuntrattur.

**09/02/49** **Para 08/05/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiem tagħna mlew il-ħofor fi Triq San Ġwann ħdejn it-torri.

**09/02/50** **Para 08/05/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ta' Triq San Bartilmew man-naħa tal-iskola ġiet ordnata.

**09/02/51** **Para 08/05/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella 'Bicycle Parking Only' għal ħdejn il-bicycle rack tal-pjazza ġiet ordnata.

**09/02/52** **Para 08/05/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ser jirranġa l-bankina ta' Triq l-Oratorju.

**09/02/53** **Para 08/05/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sistema ta' irrigazzjoni fi Ġnien il-Paċi dalwaqt tkun lesta.

**09/02/54** **Para 08/05/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tiġbor stimi biex mal-ħajt tal-kmamar fi Ġnien il-Paċi jsiru disinji ta' fjuri jew xi karattri tal-*cartoons*.

**09/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**09/03/01** Is-Sindku qalet li dalwaqt se joħroġ fuljett li fih informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied. Dan ser jitqassam bieb bieb. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/03/02** Is-Sindku qalet li Searchlight Battery għandha bżonn tiġi restawrata. Dan il-post storiku u biex tirranġah trid madwar miljun ewro. Is-Sindku qalet li hemm bżonn sħubija pubblika-privata biex il-post isir attrazzjoni kemm għal kbar kif ukoll għat-tfal. Barra minn hekk, dan il-post jibda jintuża mill-Kunsill u mir-residenti. Is-Sur Christopher Fenech qal li trid issir laqgħa mal-Lands Authority. Hu qal li jixtieq li terġa' ssir l-ajkla u li dan il-post ikun miftuħ ukoll għall-għaqdiet. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li Kunsill għandu jimponi ċertu kondizzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/03/03** Is-Sindku qalet li trid li l-ħaddiema ta' CWSEF u RSSL ikunu aktar dixxiplinati. Tant li meta xi ħadd minnhom jonqos milli jagħmel dmirijietu dan ma għandhux jitneħħa mill-Kunsill u jitpoġġa post ieħor, iżda jittieħdu passi dixxiplinarji kontra dak il-ħaddiem. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/03/04** Is-Sindku qalet li hemm bżonn tidnaddaf l-art ta' ħdejn il-kamra tal-kenniesa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/03/05** Is-Sindku qalet li waqt il-*Christmas Market* (il-Ħadd, 1 ta' Diċembru 2019 fis-1:30pm) żjara mill-E.T. George Vella President ta' Malta.

**09/03/06** Is-Sindku qalet li l-librara talbu li nixtru għadd ta' rumanzi bil-Malti għal-librerija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**09/04/01** Ma kienx hemm.

**09/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**09/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 6 ta' Novembru 2019).

**09/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġejna nfurmati li l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali tal-Għargħur għall-finanzjament tal-inizjattivi u proposti iffinanzjati mill-fondi tal-Aġenzija LESA ġiet aċċettata.

**09/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn resident li joqgħod fi Triq il-Ġdida fejn dan talab li ssir tabella *no entry*. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**09/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Ramona Portelli riġward jekk il-Kunsill Lokali jixtieqx ikollu *smart bins* f'postijiet pubbliċi. Il-Kunsill mhux interessat li jinstalla dawn l-*ismart bins* fil-lokalità.

**09/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 13 ta' Novembru 2019).

**09/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Thomas Debono (Transport Malta) fejn qal li ma jirrakkomandax li teħel tabella "except to render a service" fejn in-*No Entry* (bejn 06:00am-08:00am) fi Triq Mons Luigi Catania.

**09/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Thomas Debono (Transport Malta) fejn spjega li min-naħa tagħhom qed japprovaw li Triq San Nikola tiġi "No Entry" min-naħa waħda u d-direzzjoni ta' traffiku. Il-Kunsill ma talabx lil Transport Malta biex Triq San Nikola tiġi "No Entry" min-naħa waħda, iżda r-residenti. Għaldaqstant, Transport Malta bħala l-awtorità kompetenti f'dan il-qasam trid tiddeċiedi jekk din it-triq għandiex tiġi "No Entry" min-naħa waħda u d-direzzjoni ta' traffiku.

**09/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Antoinette Conti (Transport Malta) fejn spjegat li ma tistax issir *zebra crossing* fil-bidu ta' Triq San Gwann.

**09/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Antoinette Conti fejn spjegat li Tranport Malta approvat li Triq San Bartilmew (il-biċċa t'isfel) tiġi *one-way*.

**09/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Antoinette Conti fejn spjegat li Transport Malta taqbel li ssir *zebra crossing* fi Triq Caravaggio.

**09/05/11** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Fidiel Zarb għax dik li hemm tal-konkrit mhix effettiva. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**09/05/12** Fuq it-talba biex isir *sleeping police* jew xi ħaġa oħra biex tipproteġi r-residenti milli jintlaqtu minn xi karozza li tkun ġejja minn Triq Mons Luigi Catania għal Triq Ferdinandu (ħdejn ix-xelter) jew jitneħħew il-pjanti. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**09/05/13** Fuq it-talba għal *parking lot* f'Ħal Għargħur anke jekk ikun biss għalqa miftuħa għal dan il-għan. Il-Kunsill ħa joħroġ sejħa għall-espressjonijiet ta' interess.

**09/05/14** Fuq it-talba għal bozza ħdejn ir-razzett tagħha fi Triq Fidiel Zarb. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/05/15** Fuq it-talba biex isiru żewġ *rubber humps* fi Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil unanimu li ssir waħda.

**09/05/16** Fuq it-talba biex isiru lezzjonijiet bil-Malti għat-tfal ta' bejn 0-3 snin. Kien hemm qbil unanimu li ngħidu li National Literacy Agency.

**09/05/17** Fuq it-talba biex jonqos id-*double yellow line* ta' ħdejn il-ħanut Golden Chick fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax din it-triq prinċipali u minnha tgħaddi l-karozzi tal-linja.

**09/05/18** Fuq it-talba biex jonqos is-*single yellow line* fi Triq l-Isqof Gargallo n-naħa ta' Galea Mini Market. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**09/05/19** Fuq it-talba biex jiżdied il-parkeġġ fil-madwar ta' Sqaq l-Imnieqa, Naxxar. Il-Kunsill ħa jinforma lir-residenta biex tagħmel kuntatt mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

**09/05/20** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jippjana biex il-kamra li tinsab biswit l-iskola primarja tiġi librerija. Is-Sindku qalet li l-ewwel irridu naraw nistawx nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra u jekk jistax jiżdied sular ieħor.

**09/05/21** Is-Sur Abraham Aquilina qal li s-siġra tal-milied se tintrama fil-pjazza fl-aħħar ta' Novembru. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/05/22** Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-ħajt imwaqqa' ta' bejn il-konfini tal-Għargħur u n-Naxxar tranġa. Is-Sur Christopher Fenech qal li f'dawk l-akkwati hemm xi *culverts* li għandhom bżonn jitnaddfu. Kien hemm qbil unanimu.

**09/05/23** Is-Sur Abraham Aquilina qal li jekk ma jistax isir *bus shelter* fil-pjazza, naraw jistax isir wieħed fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li normalment ir-residenti ma jkunux iridu *bus shelter* wara biebhom. Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixxa li ngħidu ħaddied jibni *cover* ma' wieħed mill-bankijiet ta' ħdejn il-knisja sabiex in-nies ikollhom fejn jistkennu u l-*bus stop* jiġi ħdejh. Kien hemm qbil unanimu.

**09/05/24** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li nordnaw tabella tal-isem ta' Triq D. Farrugia u li nirranġaw it-tabella-T. Kien hemm qbil unanimu.

**09/05/25** Is-Sur Abraham Aquilina qal li Triq Katerina Sammut (min-naħa ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu) qatt ma saret. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li parti mit-triq pubblika u l-parti l-oħra privata.

**09/05/26** Is-Sa Marilena Hassan qalet li tabella tal-isem ta' Triq l-Indipendenza għandha bżonn titranġa. Ġie deċiż li nibagħtu wieħed mill-ħaddiema tagħna.

**09/05/27** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li *disabled person's parking bay* tal-pjazza jiġi miżbugħ blue. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li diġà infurmat lill-Transport Malta.

**09/05/28** Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-ħaddiem ta' CWSEF għandu jżomm Triq Għaxqet l-Għajn nadifa u s-Sur Christopher Fenech ressaq li meta s-Sur Frans Bezzina jkun qed jiknes it-toroq tal-qalba għandu jiknes ukoll il-bankini. Kien hemm qbil unanimu.

**09/05/29** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ħdejn garaxx fi Triq S. Zerafa jsir 1m *double yellow line* fuq kull naħa. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta.

**09/05/30** Is-Sa Marilena Hassan issuġġeriet li jinxtraw *mats* biex jintużaw waqt il-lezzjonijiet *ta' Read with me.* Kien hemm qbil unanimu.

**09/05/31** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jitneħħa d-*double yellow line* ta' Triq l-Oratorju k/m Triq E. Perren u għaldaqstant, jintrebaħ parkeġġ. Kien hemm qbil unanimu.

**09/05/32** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex jitnaqqas id-*double yellow line* ta' Triq San Bartilmew qabel ma ddur lejn Triq San Ġwann u għaldaqstant, jintrebaħ parkeġġ. Kien hemm qbil unanimu.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**09/05/33** Is-Sur Christopher Fenech qal li kellna laqgħa mal-Onor. Dr Ian Borg fejn ħarġu diversi affarijiet tajbin fosthom li l-*bus stop* ta' Triq San Ġwann u l-*bus stop* ta' Triq Caravaggio ħa jsiru dalwaqt. L-Onor. Dr Borg qal ukoll li ħa jgħati istruzzjoni biex jinbena ħajt minn tarf s'ieħor fi Triq J. Adye. Is-Sur Fenech qal li saret laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn ġejna nfurmati li f'Diċembru ser jibda x-xogħol fi Sqaq tal-Hofra u fix-xhur li ġejjin ser jibda x-xogħol fl-isqaqien rurali.

**09/05/34** Is-Sur Christopher Fenech qal li s-siġra li tawna waqt il-kampanja Pink October tħawlet fil-Ġnien tal-Ponta. Is-Sur Fenech qal li għandna nixgħeluh it-Torri ta' Semaforu f'kull kampanja nazzjonali. Kien hemm qbil unanimu.

**09/05/35** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sid ta' Da Nino Trattoria jixtieq 1.5m Keep Clear. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta.

**09/05/36** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet peress illi nhar ta' Sibt ma jistax jiġi impost imma bi qbil u billi ż-żewġ impjegati tal-Kunsill għandhom problema biex jaħdmu nhar ta' Sibt, hi suġġeriet li nitolbu permess mid-Dipartiment sabiex nimpjegaw lil xi ħadd għal 3 siegħat fil-ġimgħa biex jaħdem/taħdem nhar ta' Sibt u idealment din il-persuna tkun diġà taħdem f'Kunsill Lokali ieħor. Kien hemm qbil unanimu.

**09/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati**

**09/06/01** Ma kienx hemm.

**09/07** **Aġġudikazzjoni tat-Tender – *Provision and maintenance of traffic signs and road markings***

**09/07/01** Il-bord tal-evalwazzjoni għadu ma ltaqax.

**09/08** **Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart (Lulju – Settembru)**

**09/08/01** Is-Sindku ppreżentat r-rapport finanzjarju għall-perjodu Kwart 3 (Lulju sa Settembru 2019) u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**09/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**09/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru 2019 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**